**27 ta' April, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Edgar Gatt

*versus*

Oliver Theuma

**Kolliżjoni – Assikuratur – Preskrizzjoni – Danni**

*La l-attur kien interrompa l-preskrizzjoni kontra l-konvenut danneġġjant ma hemm ebda ħtieġa li l-preskrizzjoni tkun interrotta fil-konfront ta' l-assikuratur tad-danneġġjant, intervenut fil-kawża, billi l-ittra uffiċjali lil dan issir biss għall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 165 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament l-artikolu 10 ta' l-istess Kapitolu.*

*Il-fatt li min isofri leżjoni jkompli jaħdem, sija pure fl-impjieg li kellu qabel l-inċident, ma jipprekludihx li jieħu danni meta huwa bħala konsegwenza ta' l-inċident ikun sofra diżabilità permanenti. Din id-diżabilità permanenti tista' dejjem tkun ta' xkiel għalih fil-futur li jimmeljora l-posizzjoni finanzjarja tiegħu, u kwindi għal din ir-raġuni huwa intitolat għad-danni li jista' jsofri bħala konsegwenza tagħha.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi fid-29 ta' Novembru, 1980, huwa kien riekeb fil-karozza N-4516 misjuqa mill-konvenut, li kienet involuta f'inċident ma' vettura oħra, *Scammel* numru M-0381; illi l-istess inċident ġara unikament minħabba imperizja, negliġenza u nuqqas ta tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut; illi in konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur sofra danni konsiderevoli u illi għalkemm interpellat biex jersaq għal-likwidazzjoni bonarja u ħlas tagħhom, il-konvenut naqas, talab (1) illi jiġi ddikjarat li l-inċident awtomobilistiku fuq imsemmi ġara tort tal-konvenut;

(2) illi jiġu llikwidati d-danni kkaġonati lill-attur fl-istess inċident; u (3) illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu l-ammont hekk illikwidat;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li permezz tagħha qal illi l-inċident imsemmi ġara unikament b'tort tas-sewwieq ta' li *Scammel* numru M-0381; u illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-intervenut fil-kawża li biha qal illi fil-konfront tiegħu d-domanda attriċi hija preskritta, billi għaddew aktar minn sentejn mid-data tal-kolliżjoni, u l-preskrizzjoni qatt ma ġiet interrotta fil-konfront tiegħu la mill-attur, la mill-konvenut u lanqas mill-assikurat;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili fil-11 ta' Lulju, 1984, li biha dik il-Qorti, prevja adozzjoni tar-relazzjoni peritali kif modifikata dwar il-likwidazzjoni tad-danni, ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizjoni ssollevata mill-intervenut fil-kawża u laqgħet it-talbiet ta' l-attur u konsegwentement iddikjarat lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku msemmi fil-korp tas-sentenza, illikwidat il-kumpens għad-danni sofferti mill-attur fl-istess inċident fis-somma ta' Lm8000 u kkundannat lill-konvenut iħallas dan l-ammont lill-attur, l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut ħlief dawk ta' l-intervenut fil-kawża li jiġu ssopportati minnu u dana wara li kkunsidrat:

*Omissis;*

Illi jmiss issa li tiġi eżaminat l-kwistjoni dwar il-preskrizzjoni ssollevata mill-intervenut fil-kawża, fil-konfront tiegħu.

M'hemmx dubju li l-preskrizzjoni favur il-konvenut kienet ġiet interrotta bl-ittra uffiċjali li bagħatlu l-attur fid-*19 ta' Novembru*, 1982, u kwindi li ċ-ċitazzjoni intavolata fit-28 ta' Frar, 1983 saret fiż-żmien utili. Flimkien maċ-ċitazzjoni l-attur informa illi intervenut fil-kawża, bħala assikuratur tal-konvenut, tal-proċeduri, a tenur ta' l-artikolu 10 tal-Kap. 165. Il-perit ġudizzjarju wasal *għall-konklużjoni* li din l-eċċezzjoni m'hix sostenibbli sostanzjalment għaliex il-preskrizzjoni ġiet interrotta kontra l-konvenut u ċ-ċitazzjoni saret fi żmien utili, fil-waqt li ma kienx hemm ebda ħtieġa li jsir l-istess fil-konfront ta' l-intervenut fil-kawża, u l-ittra uffiċjali lil dan issir biss għall-*iskopijiet tad-disposizzjonijiet* tal-Kap. 165 tal-Liġijiet ta' Malta *u senjatament l-artikolu 10 ta' l-istess* Kapitolu. *Il-Qorti taqbel* pjenament ma' din il-konklużjoni, għaliex apparti l-konsiderazzjonijiet li *għamel il-perit (li huma eżawrjenti* biżżejjed) il-Kapitolu 165 jipprovdi għal salvagwardi oħrajn favur l-assikuratur iżda mhux għall-preskrizzjoni meta din ma tkunx sollevabbli fil-konfront ta' l-assikurat jew il-persuna li tagħmel it-talba taħtu; u għaliex b'analoġija l-assikuratur jista' jiġi, tenut kont tal-figura ġuridika *tiegħu*, meqjuż bħala garanti ta' l-assikurat tiegħu fil-konfront tat-terzi leżi u kwindi *se mai* l-preskrizzjoni ġiet ukoll mill-attur interotta fil-konfront tiegħu *in vista* ta' dak li jipprovdi l-artikolu 2240 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid espressament li kull att li jisker il-preskrizzjoni kontra d-debitur prinċipali jiswa wkoll bħala ksur tal-preskrizzjoni kontra *l-garanti. Forsi l-posizzjoni legali kienet tkun xort'oħra*, u l-intervenut fil-kawża aktarx kien ikollu bażi jissolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kieku l-attur *għamel* il-kawża direttament kontra tiegħu;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-intervenut fil-kawża Joseph Perici Calascione *nomine* ppreżentata fid-19 ta' Lulju, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess intervenut fil-kawża ppreżentata fit-3 ta' Awissu, 1984, li biha għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad id-domandi attriċi in kwantu dawn jolqtu lill-intervenut fil-kawża u fi kwalunkwe każ billi tilqa' l-eċċezzjoni ssollevata minnu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur ippreżentata fl-20 ta' Awissu, 1984;

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

L-appellant qiegħed ukoll jissottometti li l-ewwel Qorti, meta ġiet biex tikkomputa d-danni jmissha ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanza li wara l-inċident l-attur kien sab impjieg, liema impjieg hu tilef mhux minħabba l-kolliżjoni in kwistjoni iżda minħabba li kienet għalqet il-fabbrika fejn kien impjega ruħu. Il-Qorti però ma taċċettax din is-sottomissjoni. Kif diġà din il-Qorti kellha okkażjoni li tosserva, il-fatt li min isofri leżjoni jkompli jaħdem, sija pure fl-impjieg li kellu qabel l-inċident (li lanqas huwa l-każ preżenti), ma jippreklud ihx li jieħu danni meta huwa bħala konsegwenza ta' l-inċident kien sofra diżabilità permanenti. Dik id-diżabilità permanenti tista' dejjem tkun ta' xkiel għalih fil-futur li jimmiljora l-posizzjoni finanzjarja tiegħu, u kwindi għal din ir-raġuni huwa intitolat għad-danni li jista' jsofri bħala konsegwenza tagħha (Qorti ta' l-Appell, Eugenio

Grech *vs* Joseph Caruana, 8 ta' Diċembru, 1986);

Ikkunsidrat:

L-appellant *qiegħed ukoll jilment mill-fatt illi l-ewwel Qorti* ma laqgħetx l-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni. Huwa qed jissottometti li l-ewwel Qorti ma jmisshiex ikkunsidratu bħala garanti ta' l-assikurat fil-konfront tat-*"third party"*, ċjoè tad-danneġġat u ma jmisshiex għalhekk irriteniet li l-preskrizzjoni ġiet ukoll interrotta fil-konfront tiegħu *meta l-attur* bagħat lill-konvenut ittra uffiċjali fid-19 ta' Novembru, 1982. Skond l-appellant, il-Kap. 165 tal-Liġijiet ta' Malta stabbilixxa, fil-każ ta' mewt ta' persuna jew ta' offiża fuq il-persuna, proċedura istituzjonalizzata ta' l-*actio debitor debitoris mei* għal skop ta' ekonomija *ta' ġudizzji* u nuqqas ta' telf ta' żmien, f'liema proċedura l-assikurazzjoni tista' tintervjeni fil-kawża u tagħti kull eċċezzjoni fil-konfront ta' l-attur u ta' l-istess konvenut, kompriża n-nullità jew anke kanċellament tal-polza. Jekk id-danneġġat ma jsegwix l-imsemmija proċedura, xorta waħda jista' jipproċedi kontra l-assikurazzjoni bl-*actio debitor debitoris mei* fejn ikun suġġett għall-eċċezzjonijiet kollha, inkluża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 10 ta' l-imsemmi Kap. 165 fis-subartikolu (1) jiddisponi li f'każ ta' mewt ta' persuna jew ta' offiża fuq il-persuna, jekk tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assikurata, f'dan il-każ, għad illi l-assikuratur ikun jista' jannulla jew iħassar jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu jħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa tas-sentenza. L-artikolu

10, wara li jenunċja l-imsemmi prinċipju ġenerali, imbagħad jagħmel il-kondizzjoni għall-applikazzjoni tiegħu. Jeħtieġ – u dana kif kienet il-liġi (u din hija l-liġi applikabbli għall-każ preżenti) qabel ma ġiet emendata bl-artikolu 4 ta' l-Att XLI ta' l-1986 – li qabel jew fi żmien sebat ijiem wara li jibda l-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, jingħata avviż ta' dan il-proċediment b'att ġudizzjarju lill-assikurazzjoni. Bl-imsemmija emenda l-avviż irid jingħata qabel jew fi żmien sebat ijiem wara tmiem il-provi ta' l-attur fil-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza. L-artikolu 10 fis-subartikoli (2) u (3) jikkontempla wkoll ċerti eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni ta' l-imsemmi prinċipju, liema eċċezzjonijiet ma jirrigwardawx il-każ preżenti;

Issa ġie ritenut mill-Qrati tagħna (Prim'Awla Cremona *vs* Cassar Galea *nomine*, 9 ta' Settembru, 1982) li l-proċedura kkontemplata fl-imsemmi aritkolu 10 hija proċedura speċjali li tapplika biss f'każ ta' mewt ta' persuna jew ta' offiża fuq il-persuna. Fil-każ preżenti l-attur segwa l-imsemmija proċedura speċjali billi bagħat lill-assikurazzjoni l-att ġudizzjarju mil-liġi u dana evidentement sabiex ikun jista' jinvoka, wara li jottjeni sentenza kontra l-assikurat, l-applikazzjoni ta' l-imsemmi prinċipju;

Ġie anke osservat minn din il-Qorti fil-kawża Micallef *noe* *vs* Cassar, 27 ta' April, 1953 (Kollez. Deċ. Vol. XXXVII.I.140) li: "Id-dottrina prevalenti ingliża (u dawn huma poloz ta' sigurtà ta' kumpaniji Ingliżi u għalhekk l-insenjamenti dottrinali u l-ġurisprudenza ingliża għandhom importanza kbira in materja) hija fis-sens li ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn it-"*third party*" u l-kumpanija tas-sigurtà..... In bażi għall-polza ma hemmx '*privity*', ma hemmx relazzjoni ġuridika, u hemm biss

ċerti drittijiet tat-"*third party*" stabbiliti speċifikament fil-Liġi Ingliża *kif hemm stabbiliti taħt il-liġi Maltija (*Kap. 165 Ediz. Riv.) fl-art. 10(1)...". Skond l-istess sentenza malli kumpanija attriċi tibda tittratta mat-"*third party*" biex tara għandux dritt ta' indennizz, jinħoloq rapport ġdid, dak ċjoè li l-kumpanija, jekk ikun il-każ, tħallas indenniz lit-"*third party*" in bażi għall-polza u għal-liġi li tirregolaha, liema dritt huwa dritt "*ex contractu*" u preskrivibbli fi żmien ħames snin;

*Issa fil-każ preżenti ma huwa qed jingħad bl-ebda mod li* kien hemm l-imsemmi rapport ġdid bejn l-attur u l-kumpanija tas-sigurtà. L-azzjoni li qiegħda tiġi eżerċitata mill-attur m'hix l-azzjoni *ex contractu* kontra l-kumpanija tas-sigurtà iżda l-azzjoni *ex delicto* kontra l-assikurat. L-attur m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-kumpanija tas-sigurtà. Għandu biss jew jista' jkollu biss ċerti drittijiet kontra l-kumpanija tas-sigurtà mogħtija lilu espressament bil-liġi, ċjoè bil-Kap. 165 ta' l-Ediz. Riv. 1942. Kwindi huwa l-assikurat li jista' *se mai* jissolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni (ħaġa li ma għamilx u fil-fatt lanqas meta jagħmel minħabba l-ittra uffiċjali interruttiva tad-19 ta' Novembru, 1982) u mhux il-kumpanija tas-sigurtà li kontra tagħha ma hija qiegħda tiġi eżerċitata ebda azzjoni. Lanqas ma qiegħed l-attur jeżerċita l-azzjoni indiretta ta' l-*actio debitor debitoris mei* billi, kif ingħad, l-azzjoni hija diretta kontra l-assikurat u mhux kontra l-kumpanija tas-sigurtà;

Għalhekk la huwa l-każ li l-kumpanija ta' l-assikurat tiġi kkunsidrata f'din il-kawża bħala l-garanti ta' l-assikurat u lanqas huwa l-każ li wieħed jgħid li l-kumpanija tas-sigurtà qiegħda tiġi azzjonata bl-*action debitor debitoris mei* imma huwa l-każ ta' liġi speċjali li introduċiet fis-sistema legali Malti l-prinċipju li f'każ ta' mewt ta' persuna jew ta' offiża fuq il-persuna, il-

kumpanija tas-sigurtà għandha dejjem tħallas lil min jottjeni sentenza kontra l-assikurat tagħha basta li l-kumpanija tas-sigurtà tiġi nnotifikata bl-att ġudizzjarju fuq imsemmi u basta li l-każ in ispeċje ma jaqax taħt wieħed mill-eċċezzjonijiet ikkontemplati fl-artikolu 10 fuq imsemmi. Huwa evidenti li l-leġislatur ried jassikura f'każ ta' mewt jew f'każ ta' offiża fuq il-persuna li d-danneġġat (it-*"third party"*) dejjem jitħallas mill-kumpanija tas-sigurtà meta tingħata sentenza kontra l-assikurat tagħha basta li l-kumpanija tkun informata *a tempo debito* bil-proċediment li wassal għal dik is-sentenza u basta l-każ in ispeċje m'hux wieħed minn dawk eċċettwati mill-imsemmija liġi speċjali;

Kieku l-Qorti kellha fil-każ preżenti takkolji l-imsemmija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-assikurazzjoni appellanti bħala intervenuta flil-kawża, hija tkun qiegħda tirrikonoxxi eċċezzjoni oħra għall-imsemmi prinċipju enunċjat fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 li l-istess artikolu 10 fis-subartikoli (2) u (3) ma jikkontemplax u ċertament dana ma jistax isir;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu ssopportati mill-intervenut fil-kawża, l-appellant *nomine*.